# BIL-LEJL

*Lil ħija Gużè, b'imħabba.*

Ix-xemx niżlet u d-dinja
Tkeffnet fid-dlamijiet,
L-agħsafar għalenija
Mis-siġar, mill-bejtiet,
Instemgħu geġwiġija
Jgħannu l-aħħar għanjiet,
U b'għajta mkarkra s-sriedaq
Ħabbru li x-xemx staħbiet,
U wara waqgħet ħemda,
Saltan sultan is-skiet.

U fl-aħħar feġġ il-Qamar
Fuq tiegħu u ferrieħ
L-iswed tas-sema feraq
Bl-imrieżaq twal u sbieħ,
U beda jikber, jikber
Sakemm fl-aħħar deh'r sħiħ;
Iżda minn qalb ir-raba'
Instama' minnufih
Mal-fewġa tidwi għanja
Għanja ta' bidwi xiħ:

"Tbiegħed, ja Qamar, tbiegħed
Il-lum m'għandniex x'nambuk,
Dak kien żmien ieħor, meta
Konna lkoll nixtiquk;
Taħsebx bħal ljieli oħra
Merħba sejrin nagħtuk,
Jew wiċċna bi tbissima
Bħas-soltu se' nuruk;
Iżda twerżiq u biki,
Qamar, nistgħu nsemmgħuk."

Bil-kemm kien temm il-bidwi
L-għanja tiegħu qasira:
Kull min f'dal-lejl semagħha
Ġo qalbu ħass tħassira
Lejn dal-bnedmin li, msieken,
Qed jgħixu agħar mir-rsiera;
Xħin f'daqqa waħda nstemgħet
Ma' kullimkien tisfira
U n-nies malli semgħetha
Qamet bħal agħa kbira.

U dlonk minn qalb il-firxa
Bil-bard kollha mtertrin,
Inkixfu w dabbru rashom
Kemm għonja, kemm fqajrin;
U l-ommijiet, kif kienu,
Qabdu lit-tfal ċkejknin
U lkoll b'qalbhom ittaqtaq,
Mifxula u beżgħanin,
Dlonk ġrew sabiex jistkennu
Mill-egħdewwa ħajnin.

Ġo kmajra (fil-kantina)
Ma' bintha waħdanija
Hemm mara quddiem niċċa
Titlob, l-Ommna Marija;
U titlob, titlob, titlob,
Titlob b'qalbha mbikkija
"Madonna mill-mewt eħles
Lili u 'l dit-tarbija,
Għax għid, Madonna, għidli
Jekk aħna għandniex ħtija ?"

Fl-aħħar, wara xi siegħa,
Reġgħet mingħajr waqfien
Instemgħet it-tisfira
Tidwi ma' kullimkien,
Tħabbar li l-għadu ħarab,
Reġa' kollox kif kien;
U f'dik il-ħemda kbira
Qalb l-għaxqa tal-ħolqien
Reġgħet mal-fewġa nstemgħet
L-għanja ta' ġol-widien:

"Qed tara, Qamar sfajjar,
Kemm hu ikrah daż-żmien
Forsi m'emminthiex l-ewwel
L-għanja l'għannejtlek jien;
Imm'inti stess rajt issa,
Fid-dawl tiegħek fiddien,
L-għadu qarrieqi tagħna
F'artna jiżra' n-nirien,
Għalhekk, ja Qamar, tbiegħed
U dawl la tħalli mkien."

ĠORĠ CHETCUTI

1/1/'41